MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 974/2001/1

**Charles Grech**

**vs**

**NMJ Co. Limited u Emmanuel sive Noel Mifsud**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Novembru 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat d-29 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-Qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Ihallsu s-somma ta’ elfejn tminn mija u hamsin lira Maltin (Lm2850) dovuti lill-attur bhala bilanc tas-somma komplessiva ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) mislufa lilhom mill-attur fil-15 ta’ Mejju 2000, kif jidher mid-dokument hawn anness markat Dok ‘A’ parti sostanzjali ta’ liema bilanc jidher fuq ghaxar cekkijiet bankarji mahruga minnhom f’isem l-attur (Dok ‘B’) liema cekkijiet baqghu ma ssarrfux peress illi fil-kont ghal liema dawn ic-cekkijiet jikkorrsipondu ma kienx hemm flus;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid datat 29 ta’ Novembru 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-5 ta’ Frar tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Preliminarjament illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv u esagerat;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut Emanuel sive Noel Mifsud kien avvicina lill-attur Charles Grech u informah li kien fetah hanut fl-Embassy;

2. Illi in vista ta’ dan infurmah ukoll li kellu bzonn jixtri xi kwantita’ ta’ deheb minn Arezzo;

3. Illi l-partijiet ftehmu li l-attur Grech jaghti lill-konvenut Mifsud l-ammont ta’ tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500.00,0), (ara anke fol 21), u ghalhekk l-attur ghadda cekk ekwivalenti ghal dan l-ammont bil-konvenut Mifsud jobbliga ruhu li jirrifondi dan l-ammont ratealment;

4. Illi biex jigi zgurat li l-konvenut Mifsud jeffettwa dawn il-pagamenti rateali hekk pattwiti dan il-konvenut iffirma kwantita’ ta’ cekkijiet fl-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00,0) u ekwivalenti ghall-ammont misluf;

5. Illi ghalkemm issarfu xi cekkijiet pero’ l-konvenut jidher li waqqaf il-pagamenti u l-attur jirrizulta li ghad ghandu jiehu elfejn tminn mija u hamsin Lira Maltin, (Lm2,850.00,0) minghand l-istess konvenut Mifsud;

6. Illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex jaffettwa l-pagamenti minnu dovuti l-konvenut baqa’ inadempjenti;

7. Illi ghalhekk l-attur Grech kien kostrett jipprocedi bil-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hi sodisfatta bis-segwenti:

1. Illi l-attur Grech u l-konvenut Mifsud effettwaw self brevi manu fl-ammont ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin, (Lm3,500.00,0);

2. Illi l-konvenut Mifsud obbliga ruhu li jirrifondi dan l-ammont ratealment;

3. Illi effettivament xi cekkijiet minn dawk preventivament iffirmati mill-konvenut gew regolarment imsarrfa;

4. Illi l-konvenut ghad ghandu jirrifondi lill-attur l-ammont indikat fl-avviz;

5. Illi ma jirrizultax li kien hemm xi forza magguri jew xi impediment legittimu iehor meta l-konvenut Mifsud iffirma c-cekkijiet tieghu mertu ta’din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kollha li jirrizultaw jindikaw li r-relazzjoni li nholqot bejn il-partijiet kienet biss inholqot bejn l-attur Grech u l-konvenut Mifsud;

Illi s-socjeta’ konvenuta ma tiffigurax u m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur;

Illi ghaldaqstant din is-socjeta’, senjatament NMJ Co. Limited qed tigi dikjarata liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni ghall-attur;

Illi mill-bqija, in vista tal-premess din il-Qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Emanuel sive Noel Mifsud biex ihallas lill-attur Charles Grech l-ammont ta’ elfejn tminn mija u hamsin lira Maltin (Lm2,850.00,0), bilanc minn somma akbar, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.”

L-aggravju tal-konvenut sokkombenti fil-konfront tas-sentenza minnu attakkata, tista’ tghid, hu msejjes fuq il-konsiderazzjoni tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Huwa jikkritika din l-istess sentenza billi jikkontendi illi l-Qorti ta’ l-ewwel grad (i) skartat ix-xhieda tieghu, (ii) ikkundannat lilu ghall-hlas meta kif ammess mill-attur is-self sar lill-kumpanija konvenuta u mhux lilu, (iii) injorat il-fatt li fin-negozju guridiku intervenut tas-self kien hemm kompriz ukoll oggetti tad-deheb u (iv) li ma

hadetx qies tal-fatt illi fuq il-provi dokumentali minnu prodotti l-ammont bilancjali dovut hu nferjuri ghal dak pretiz mill-attur.

Jigi l-ewwelnett rilevat illi l-appellant ma jidherx li hu ghal kollox korrett f'dak ritenut minnu illi l-ewwel Qorti ma immotivatx s-sentenza b'referenza espressa ghax-xhieda tieghu. Kif jidher mis-sentenza impunjata l-ewwel Qorti, anke jekk ma tatx rezokont elaborat tal-provi tal-konvenut appellanti jew tal-argumentazzjonijiet tieghu, eppure ma jidherx imbaghad illi injorat is-sottomissjonijiet tieghu imma ghaddiet biex tikkonsidra l-meritu fl-ambitu ta' dawn l-istess sottomissjonijiet u tat ragunijiet ukoll kif waslet ghall-konvinciment taghha. Tezisti ghalhekk indikazzjoni bizzejjed illi l-ewwel Qorti ma skartatx ghal kollox ix-xhieda ta' dan il-konvenut. L-aggravju f'dan il-kuntest qed jigi ghalhekk rigettat.

Jidher li l-vertenza vera u proprja f'dan l-appell hi wahda essenzjalment ta' kredibilita`, aktar milli ta' haga ohra. F'sitwazzjoni konsimili, ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa imbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg versjonijiet "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo'" – "**Carmelo Farrugia –vs- Rokku Farrugia**", Prim'Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966.

Fil-kaz taht konsiderazzjoni tezisti certament divergenza bejn l-attur appellat u l-konvenut appellant ghal dak li kien ir-radd lura tas-somma mislufa. Dan ghaliex filwaqt li l-attur jghid li mis-somma mutwata huwa rceva biss ammont zghir, il-konvenut jiddisdici dan u jghid li hu baqalu jirrimborsa lura s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) u mhux dik reklamata mill-attur ta' elfejn tmien mija u hamsin lira (Lm2850).

Mill-kumplament ma jidherx li hu kontestat illi l-ammont misluf fil-15 ta' Mejju 2000 kien dak ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3500) u inoltre din il-Qorti hi sodisfatta wkoll illi dan is-self sar lill-konvenut appellant personalment, kif minnu stess konfessat fid-deposizzjoni tieghu (fol 21). Il-kumpanija fil-verita` ma ticcentra xejn ma' dan is-self anke ghaliex din giet registrata bin-Numru C27254 fid-9 ta' Novembru 2000 (Ara l-atti tal-istatut a fol 26).

Hu wkoll accettat mill-appellant illi minbarra l-precitat self hu kien issellef drabi ohra minghand l-attur. Isostni pero` li dan is-self l-iehor kien kollu saldat u ghalhekk jikkontendi li c-cekkijiet minnu esebiti (fol 23 sa fol 25) u li ssarrfu mill-attur kienu hlasijiet akkont tas-self in diskussjoni.

Ciononostante pero` l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni bazata fuq il-provi, li verament huma xi ftit jew wisq konfuzi, illi kellha taghti affidament lit-tezi tal-attur. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali u hi tal-fehma illi ma tarax kif tista' ma tikkonfortax id-diskrezzjoni ta' gudizzju adoperata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li ghamlet tal-provi.

Mill-assjem taghhom huwa indikattiv illi:-

(i) il-konvenut, li kif mistqarr minnu, ghazel li jibqa' passiv ghall-interpellazzjonijiet li sarulu ghall-hlas (Ara kontro-ezami tal-konvenut a fol 45) u ghazel ukoll li jwaqqaf il-pagamenti billi ma jiddepozitax aktar fondi fil-kont biex minnu jigu sodisfatti c-cekkijiet anterjorment emessi minnu, ma kellux jitwemmen fl-allegazzjoni centrali tieghu illi dan ghamlu ghax l-attur kien ippromettielu elf lira ohra (Lm1000) bhala self in aggunta mas-somma mislufa ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3500);
(ii) l-attur kien aktar kredibbli f'dak allegat u sostenut minnu u li l-versjoni tieghu kienet aktar fededenja u korrispondenti ghall-verita`.

Kien, imbaghad, in tema ta' dritt jinkombi fuq il-konvenut appellant illi, gjaladarba allega l-hlas ta' parti mis-somma

mislufa, jipprova dan ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.  Dan ma jidherx li sar adegwatament minnu, kif tajjeb jinsab illustrat fir-risposta ta' l-appell tal-attur.  F'kull kaz, anke kieku stess kellu jinghad li jezisti dubju huwa konkordament ricevut illi "fid-dubju ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx" (**Vol XLIX pII p776**; **Vol XXXVII pI p525**).

Il-kwestjoni tal-kredibilita` u l-attendibilita` trid necessarjament tohrog mill-kontenut tax-xhieda, kif registrati fl-atti.  F'dan il-kaz il-konvenut appellant ma jistax jinghad li wassal lill-Qorti biex thossha sodisfatta u komda bis-sottomissjonijiet tieghu.

L-apprezzament tal-Qorti tal-fatti pruvati hu bazat fuq ezami tal-process u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.  Fic-cirkostanzi pervenuti f'dan il-kaz jibqa' allura xorta wahda validu u applikabbli l-principju illi l-Qorti tat-tieni grad ma kellhiex, anke ghaliex f'dan il-kaz ma kienx konsentit li jsir, tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dik tal-ewwel Qorti, tenut rigward illi l-materja kienet wahda prettament ta' apprezzament ta' fatt.

Kif gja fuq manifest, mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma hijiex perswasa illi l-aggravji u s-sottomissjonijiet tal-appellant ghandhom iwassluha biex tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti u ghalhekk ser tghaddi biex tirrespingi l-appell.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu a karigu tal-konvenut appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------